**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 28 - IT-TLIETA L-1 TA' MARZU 2011**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata (imsiefra): | Pauline Miceli | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri mill-pubbliku preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiddiskuti immedjatament is-sitwazzjoni tal-kotba tal-finanzi peress li kien hemm preżenti l-*accountant*. Is-Sinj. Amanda Grima infurmat li hija kienet qed tagħmel minn kollox biex, bl-għajnuna tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill, tiffinalizza r-rapporti finanzjarji. Madanakollu, apparti li hija sabet sitt xhur ta' xogħol lura mindu kien waqaf l-*accountant* preċedenti, kienet qed issib nuqqasijiet fil-*postings* ta' qabel li ma setgħetx tħallihom għaddejin. Infatti kien hemm lista ta' kredituri pjuttost antiki li kienu qed jiġu vverifikati fid-dettall wieħed wieħed. Barra minn hekk ir-rikonċiljazzjoni mal-Bank fuq is-*Sage software* kienet ilha ma ssir ħafna filwaqt li l-Awdituri kienu 'aċċettaw' figuri mhux rikonċiljati fl-aħħar rapport verifikat mingħajr ma insistew fuq azzjoni immedjata. Dan kollu qiegħed jieħu ħafna aktar siegħat ta' xogħol milli kien previst iżda qiegħed ikun trattat biex finalment ikun hemm informazzjoni finanzjarja korretta. Is-Sinj. Grima wegħdet li se tkompli tagħmel minn kollox biex tippreżenta r-rapporti finanzjarji kemm jista' jkun malajr iżda fiċ-ċirkostanzi ma setgħetx tikkonferma fl-eżatt meta setgħet tlesti. Il-Kunsill aċċetta din l-ispjega filwaqt li kompla bil-laqgħa.

1.2. Hawn wasal il-Kunsillier Bonello. Il-ħin kien it-7:50pm.

1.3. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-SE u mis-Sindku.

1.4. Is-SE informa li l-*bring in site* kienet tmexxiet għal Triq Leli Falzon minn Triq San Ġorġ. Għalkemm kien hemm żewġ ilmenti sal-ġurnata, ma kienx jidher li hemm problemi

maġġuri. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandhom isiru spezzjonijiet fuq perjodu ta' żmien u jekk ikun hemm problema għandu jsir l-infurzar neċessarju.

1.5. Is-Sindku infurmat li l-Ħamis 24 ta' Frar saret laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill waqt liema laqgħa gew ikkonfrontati l-Kunsillier Galea u s-Sur Saviour Spiteri, President tal-*Big Friends Guggen Musik* (BFGM). Din il-laqgħa saret peress illi, waqt laqgħa tal-Kunsill preċedenti, l-Kunsillier Galea kien parzjalment ċaħad stqarrija li s-Sur Spiteri għamel bil-kitba fil-konfront tal-Kunsillier Galea dwar il-fatt li l-BFGM ma bdietx iddoqq fil-ħin miftiehem mas-Sindku. Is-Sindku infurmat ukoll li waqt il-laqgħa bejn il-Kunsillier Galea u s-Sur Spiteri, il-Kunsillier Galea ammetta li kien żbalja u kkonferma dak kollu li kiteb is-Sur Spiteri. Dan kien ikkonfermat mill-Kunsillier Galea waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Fid-dawl li l-BFGM kienu lesti biex jibdew, u li allura ma kinx tort tagħhom li bdew tard, għandu jsir il-ħlas kollu lill-banda kif miftiehem qabel. Fid-dawl ukoll ta' kritika li saret għall-organizzazzjoni ta' din l-attività il-Kunsill qabel li għandu jippubblika dawn il-fatti.

1.6. Fir-rigward ta' para. 2.3, is-SE informa li sal-ġurnata kien għadu ma rċeviex risposta lura fir-rigward tal-proposta tal-LED's.

1.7. Dwar para. 2.2, il-Kunsillier Brincat informa li kien kellem lill-familja Agius u dawn kienu għamlu l-arranġamenti meħtieġa biex isir ix-xogħol fuq il-*floodlights*. Il-Kunsillier Brincat informa li huwa kien se jkun preżenti meta ssir it-trinka biex jiżgura li x-xogħol isir sewwa.

1.8. Fir-rigward ta' para. 2.4, is-SE informa li kien ġie infurmat li l-€100 għal kull parteċipant barrani li jipparteċipa fil-Konferenza tal-Ġemellaġġi setgħet tintuża biss għat-trasport u l-akkommodazzjoni. Huwa informa wkoll li sal-ġurnata għadu ma ġiex infurmat dwar min mill-kuntatti tal-Kunsill Lokali Naxxar seta' jattendi għal din il-konferenza.

1.9. Fir-rigward ta' para. 2.5, is-SE informa li kienet se ssir laqgħa nhar il-Ħamis 3 ta' Marzu bejn il-kumitat ta' Baħar iċ-Ċagħaq, l-iżviluppaturi u s-Sindku.

1.10. Is-SE informa li, fir-rigward tad-devoluzzjoni tal-mitħna, minħabba li min kien joqgħod fil-mitħna ma kienx għadu ħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kollha, u allura ċ-ċavetta għadha ma ġietx aċċettata mid-Dipartiment tal-Artijiet, ma setgħetx issir iż-żjara kif kien maħsub.

1.11. Is-SE informa li fir-rigward ta' para. 3.3 u 10.24, l-Inġinier kien ġibidlu l-attenzjoni li, minkejja li kien għaddielu l-istima, li kienet ġiet approvata mill-Kunsill, ma kienx qiegħed jiggarantixxi li s-sitwazzjoni tiġi solvuta. Huwa għalhekk talbu stima li tinkludi x-xogħol kif għandu jkun. Din l-istma waslet u kienet tammonta għal €8,327 apparti xi xogħol indikat fl-istima preċedenti. Dan ix-xogħol jinkludi tħaffir ta' trinka u tiġi rranġata l-bankina wara. Il-Kunsill iddiskuta jekk kienx jaqbel li, la darba jrid isir dan ix-xogħol, jibdel il-bankini kollha fejn hemm involut. Is-SE però ġibed l-attenzjoni li dan jinvolvi ħafna aktar spejjeż u, fin-nuqqas ta' informazzjoni finanzjarja jkun prematur li l-Kunsill jieħu deċiżjoni simili. Is-SE informa wkoll li wara diskussjoni ma' persuni tekniċi, huwa kien ġie infurmat li mhux possibbli li ssir sistema solari ġewwa Vjal il-Labour minħabba li mhijiex xemxija biżżejjed. Kien hemm qbil li s-somma tat-tiswija għandha tiġi kkunsidrata għall-baġit li jmiss.

1.12. Is-SE informa li kienet saret il-laqgħa ma' Fr Michael fir-rigward tal-possibbiltà li ċ-Ċentru għal Matul il-Jum għall-Anzjani jimxi għal San Pawl tat-Tarġa. Huwa informa li għandha ssir laqgħa oħra u tiġi mistiedna tattendi wkoll is-Sinj. Bernadette Psaila, li hija l-persuna responsabbli miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

1.13. Is-SE informa li sal-ġurnata kienu nżammu żewġ laqgħat dwar il-*businesses* min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Dawn kienu ta' interess u kienu suċċess. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsillieri biex jattendu għalihom.

1.14. Il-Kunsillier Galea informa li kienet saret l-ewwel laqgħa tal-'fondazzjoni partimonju Naxxar' fejn fost oħrajn kienu attendew Speranza Xuereb, Paul Catania, Paul Xuereb, Jason Farrugia, Edward Azzopardi, Louis J. Scerri filwaqt kien hemm interess minn Tonio Vella. Il-Kunsillier Galea informa li kienu ddiskutew dwar il-formazzjoni ta' statut għall-fondazzjoni wara li kien hemm qbil li fondazzjoni għandha aktar saħħa b'mod speċjali sabiex tikseb fondi mill-UE. Dan il-grupp kien qed jissuġġerixxi li l-isem ikun Fondazzjoni Patrimonju Naxxari.

1.15. Is-SE informa li fir-rigward ta' para. 10.13, kienu ġew finalizzati pjanti ġodda mill-Ministeru tar-Riżorsi u saret u applikazzjoni għand il-MEPA.

1.16. Dwar para. 10.16, is-sistema tal-permessi, intalab permess mingħand il-MITA sabiex jinfetaħ *port* fis-sistema tan-*network* ħalli s-sistema, li hija waħda online, tkun tista' tiġi aċċessata fuq is-*server* tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jsiru provi mill-impjegati tal-Kunsill.

1.17. Is-SE informa li kienu waslu l-kuntratti tal-KMS (para. 10.19) għall-iffirmar. B'kollox kienu għamlu allokazzjoni ta' €4,000 li jinkludu l-allokazzjoni ta' BIĊ.

1.18. Fir-rigward ta' para 10.20, il-Kunsill qabel li jinżammu l-korsijiet taż-zumba fiċ-Ċentru Ċiviku. Is-sessjonijiet se jiswew €4 għal kull sessjoni ta' siegħa għal total ta' għaxar ġimgħat. Il-Kunsill qabel li jippromwovi din l-inizjattiva kemm jista' jkun kemm bi *flyer* u anki bil-posters.

1.19. Fir-rigward tar-rapport tal-bankini, il-Kunsilliera Galea u Sammut infurmaw li għadhom ma lestewhx u li għandhom jgħadduh mill-aktar fis possibbli lis-SE.

1.20. Is-SE informa li fir-rigward ta' para. 10.26, l-applikazzjoni għal żjara f'Mornago, huwa ma kienx għad kellu risposta.

1.21. Is-SE informa li fir-rigward tat-talba għal marki ħdejn il-Knisja, kienet saret applikazzjoni ma' TM.

1.22. Fir-rigward ta' para. 11.2, dwar il-kuntratt ma' Media Trendz Communications, wara li għaddih għall-iskrutinju tal-avukat u saru xi modifiki, is-SE informa li għal Media Trendz ma kienx instab li huwa vjabbli li jsir kuntratt għal ħames snin minħabba l-investiment involut. Il-Kunsill qabel għalhekk li l-ftehim ikun wieħed ta' għaxar snin.

1.23. Is-SE informa li ma kinux għadhom bdew isiru l-intervisti mal-applikanti għal Assistent Uffiċjal Prinċipali.

1.24. Is-SE fakkar li l-Ħadd 6 ta' Marzu kienet se tinżamm l-attività tal-Karnival. Huwa informa li bħas-soltu, Smart Supermarket kien offra xi ħelu għat-tfal kollha filwaqt li Tip Top kien wiegħed li se jagħmel xi donazzjoni wkoll.

1.25. Is-SE informa li kellu applikazzjoni u ħlas għal bozza ġdida mingħand iċ-Ċentru Pastorali Ħniena Divina f'SPTT biex tkun installata bozza fil-viċinanzi minħabba nuqqas kbir ta' dawl. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jirrifondi l-ħlas lura minħabba li l-bozza hija għall-użu tal-komunità f'post fejn verament hemm bżonn. Il-Kunsill żied ukoll li, jekk hemm fejn, għandhom isiru żewġ bozoz.

1.26. Is-SE informa li kien iltaqa' fuq il-post ma' Silvio Camilleri dwar para. 13.1 fejn dan ikkonferma li l-fabrika se titwaqqa' fix-xhur li ġejjin u għalhekk mhux se jibqa' l-bżonn tal-*un/loading bay*. Min-naħa l-oħra talab li ssir *keep clear* quddiem il-lift li kienet approvata mill-Kunsill. Is-SE informa li kienet waslitlu wkoll talba għal *un/loading* mingħand it-TipTop (faċċata ta' Master Wine) minħabba li jkollhom *equipment* tqil biex iħottu. Kien

hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għal un/loading bay biex tintuża bejn is-2:30pm u l-4:30pm bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa.

1.27. Il-Kunsillier Sammut informa li TipTop kien offra *discount voucher* ta' 10% għall-parteċipanti kollha li jattendu għall-korsijiet sportivi tal-Kunsill (*general fitness, aerobics u pilates*).

1.28. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li fil-preżent kienet qed taħdem fuq il-*flyer* tal-*business directory* u ieħor dwar il-kompetizzjoni tal-fjuri.

1.29. Il-Kunsillier Sammut informa li kienet inżammet il-ħarġa ambjentali fil-Bidnija fejn numru kbir ta' parteċipanti attendew u min xtaq seta' wkoll imur *horse riding*. Huwa rringrazzja kemm lill-*Iscouts* kif ukoll lil Jimmy Buhagiar tal-Bidnija. L-ispejjeż għal din l-attività kienu koperti mid-dħul mill-parteċipazzjoni.

1.30. Il-Kunsillier Sammut talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jibda jaħdem fuq żewġ korsijiet ġodda, *pre-natal* u *post-natal pilates*. Il-Kunsill qabel.

## 2. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONTI TA' DĦUL TA' NOVEMBRU

2.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti. Din kienet approvata (annessa f'A).

2.2. Is-SE preżenta wkoll lista tal-*Purchase Orders* u l-lista tad-dħul u nfiq li wkoll kienet approvata u jinsabu annessi f'B.

## 3. RAPPORT TA' ĦIDMA MILL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BIĊ

3.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-Kumitat Amministrattiv kien se jibda numru ta' korsijiet kemm filgħodu kif ukoll flgħaxija, għar-residenti ta' BIĊ. Dawn kienu jikkonsistu f'lezzjonijiet tal-Kompjuter, *Aerobics* u *Pilates*. Hija infurmat li l-għada kellu jkun hemm ukoll diskussjoni man-*nutritionist*, Robert Galea.

3.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kien tqassam fuljett lir-residenti kollha b'aħbarijiet riċenti u b'inizjattivi li se jsiru fil-futur qrib.

3.3. Hija infurmat li kellha laqgħa mas-Sur Charles Zammit mill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Meta talbet biex jinqata' xi pal tal-bajtar tax-xewk li qed jagħti għal fuq it-triq, is-Sur Zammit kien qalilha li dan għandu jsir mill-Kunsill. Is-SE informa li ġeneralment dan ix-xogħol jintalab li jsir mill-proprjetarju tal-għalqa stess.

3.4. Hija qalet li kellha wkoll laqgħa ma' xi membri tal-MEPA fejn dawn kienu qed jgħidu li r-responsabbiltà biex jinstabu s-sidien tal-artijiet u binjiet diżabitati kienet tal-Kunsill. Min-naħa l-oħra, wara pressjoni min-naħa tagħha, dawn wiegħdu li kienu se jaraw kif jistgħu jgħinu.

3.5. Il-Kunsillier Sammut informa li kien ġie kkuntattjat mill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali sabiex jgħaddilhom kopja oħra tar-rapport dwar il-Magħtab.

3.6. Sadanittant kienu approvati l-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv sa dik id-data.

## 4. IL-BAĠIT U L-PJAN TA' TLIET SNIN

4.1. Is-SE informa li kien jeħtieġlu ftit informazzjoni mill-Kunsill dwar inizjattivi li huma mixtieqa li jittieħdu. Għall-mistoqsija tiegħu dwar id-dawl dekorattiv tal-Milied għat-toroq, il-Kunsill qabel li possibilment jalloka s-somma ta' €10,000.

4.2. Kien hemm qbil li bħala attivitajiet kulturali, din is-sena jkun hemm dik ta' Ġieħ in-Naxxar, il-wirja ta' arti, delizzji u snajja u xi attività żgħira għal meta jinxtegħel id-dawl dekorattiv tat-toroq. Hawnhekk il-Kunsill qabel li jkellem lis-Sinj. Speranza Xuereb dwar il-

possibbiltà li l-wirja titmexxa aktar lura biex tikkoinċidi mal-mixgħela tad-dawl dekorattiv tal-Milied.

## 5. OFFERTA XOGĦOL TA' TOROQ F'BIĊ

5.1. Is-SE informa li waqt il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv kien hemm qbil li għandu jintagħżel il-kuntrattur Philip Agius and Sons minħabba li kellu l-irħas offerta. Il-Kunsill qabel.

## 6. PROPOSTA GĦAL ATTIVITÀ FIL-15 TA' MEJJU – PET SHOW

6.1. Il-Kunsillier Sammut informa li kien tkellem mar-residenta li kienet qed tipproponi li torganizza din l-attività u ta indikazzjoni ta' x'kien se jiġi organizzat. Il-Kunsill qabel, anke minħabba l-fatt li l-Kunsill ma kienx se jiġi involut wisq, kemm bħala organizzazzjoni kif ukoll bħala spejjeż.

## 7. PROPOSTI MILL-BORD ĠIEĦ IN-NAXXAR

7.1. Is-SE informa li l-Bord ta' Ġieħ in-Naxxar qed jiltaqa' fuq bażi regolari. Hawnhekk il-Kunsillier Galea esprima li dawn in-nies ħaqqhom tassew prosit għaliex qed jagħmlu biċċa xogħol verament tajba. Kulħadd qabel.

7.2. Is-SE informa li Prof. Schranz, li maħtur mill-istess membri tal-Bord, bħala *Chairman.* Il-Bord kien qiegħed jissuġġerixxi li ssir attività qabel l-14 ta' Ġunju possibilment ġewwa Palazzo Parisio. Il-Kunsill unanimament qabel iżda possibilment l-attività ssir il-Ġimgħa.

7.3. Is-SE wera wkoll disinn tal-unur li ġie ppreparat mis-Sur Donald Friggieri li ingħoġob ħafna mill-Kunsill u kien hemm qbil unanimu li dan ikun addottat. Kien hemm qbil li s-SE għandu jsaqsi jekk hux xieraq li jitniżżlu l-ismijiet ta' min diġà ngħata Ġieħ in-Naxxar fuq l-istess unur. Is-SE informa li dan l-unur ġie ddisinjat mis-Sur Friggieri gratwitament.

7.4. Hawnhekk il-Kunsillier Bonello skuża ruħu. Il-ħin kien l-10pm.

## 8. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

8.1. Il-Kunsillier Galea informa li n-Nursery tal-futbol kienet qed titlob li torganizza *car wash* fuq in-naħa ta' ġewwa tat-terminus nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju. Il-Kunsill ma qabel sakemm il-PTA tiġi infurmata u jsiru s-sinjali sabiex il-venda titpoġġa fuq in-naħa ta' barra temporanjament għal dakinhar.

8.2. Il-Kunsillier Galea informa li kellu talba biex titpoġġa net fuq il-grawnd tal-futbol ta' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill ma qabilx li għandha ssir minħabba li ma tidhirx li hija vjabbli.

8.3. Il-Kunsillier Galea talab li jsir ftit tisbiħ fil-ġnien ta' Triq il-Ħaddieda. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li dalwaqt se jibdew jitħawlu l-fjuri madwar il-lokalità kollha. Fil-preżent kienu għadhom qed iġibu għan-normal diversi siti minħabba li xi wħud minnhom kienu pjuttost abbandunati.

8.4. Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar jekk ġietx irranġata l-bozza ta' Triq San Pawl (quddiem il-Kappella), is-SE informa li kien se jivverifika x'ġara eżatt.

8.5. Il-Kunsillier Sammut informa li kellu diskussjoni man-Naxxar Starlites dwar il-possibbiltà li jsiru xi sessjonijiet fis-sajf fil-grawnd ta' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju u sakemm ma jinvolvix spejjeż lill-Kunsill jista' jsir l-arranġament meħtieġ.

8.6. Dwar proposta li kellu l-Kunsill biex ilaqqa' *launch* ta' ktejjeb dwar in-Naxxar, il-Kunsill qabel li għandu jkellem lil Dott. Charles Briffa qabel ma jieħu xi deċiżjoni minħabba li kellu informazzjoni li kien hemm xi ineżattezzi jew informazzjoni skorretta fih.

8.7. Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-10:15pm.

8.8. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2011 fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

A

Lista ta' Pagamenti - Laqgħa Nru. 28

| Code | Invoice Date | Invoice No | Company | Description | Ammount | Chq No | Chq Date |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0000 | n/a | n/a | Agnes Baldacchino | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14108 | 40576 |
| 0000 | 31/01/2011 | 2532 | Albert Micallef Co. Ltd | Hire of Skip on the 28/01/2011 | €70.80 | | |
| 0000 | 02/02/2011 | 11 | AMJ Legal | Legal Services - Retainer - Jan 2011 | €177.00 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Annie Spiteri | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14121 | 40576 |
| 0000 | 01/02/2011 | 1570 | Anthony Auto Products | Green Paint for Canopies @ Gnien Toni Vella (PO3516) | €46.50 | | |
| ARCHWA | 07/01/2011 | 31315 | Archway Ironmongery | Hardware items | €227.30 | | |
| ATP | 31/01/2011 | n/a | Assocjazzjoni Trasport Pubbliku | Circular Bus Service - Jan 2011 | €1,176.23 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Bartlomew Coleiro | Refund for Deposit @ Toni Bajada | €233.00 | 14131 | 40589 |
| BITMAC | 31/12/2010 | 12521 | Bitmac Ltd | Instant Road Repairs | €15.39 | | |
| CSD | 19/01/2011 | 33175 | C.S.D. Office Trade | Stationary Products for Office use | €42.50 | | |
| CSD | 25/01/2011 | 33257 | C.S.D. Office Trade | Stationary Products for Office use | €39.65 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Carmen Busuttil | Refund for General Fitness Course | €10.00 | 14096 | 40575 |
| 0000 | n/a | n/a | Carmen Micallef | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14116 | 40576 |
| 0000 | n/a | n/a | Cash | Petty Cach  - Feb 2011 | €232.24 | 14136 | 40590 |
| CENTRA | 26/01/2011 | 39541 | Central Asphalt Ltd. | Works Carried out @ Triq is-Soghda (-20% Retension) | €8,132.89 | | |
| CENTRA | 26/01/2011 | 39540 | Central Asphalt Ltd. | Works Carried out @ Triq Sta Maria (-20% Retension) | €15,307.32 | | |
| CENTRA | 26/01/2011 | 39539 | Central Asphalt Ltd. | Works Carried out @ Triq il-Qoton (-20% Retension) | €14,198.12 | | |
| MIFSUD | 01/02/2011 | 870 | Charlie Mifsud | Beach Cleaning - Extra Work - Jan 2011 | €865.84 | | |
| MIFSUD | 01/02/2011 | 869 | Charlie Mifsud | Beach Cleaning - Jan 2011 | €1,904.83 | | |
| MIFSUD | 01/02/2011 | 868 | Charlie Mifsud | Street Cleaning - Zone A - Jan 2011 | €1,235.54 | | |
| MIFSUD | 01/02/2011 | 866 | Charlie Mifsud | Weed Cutting - Non Urban - Jan 2011 | €1,625.00 | | |
| MIFSUD | 01/02/2011 | 867 | Charlie Mifsud | Street Cleaning - Zone E - Jan 2011 | €390.30 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Charlie Sammut | Refund for Deposit @ Triq Hal Dghejf | €233.00 | 14137 | 40591 |
| 0000 | n/a | n/a | Christopher Aquilina | Refund for Deposit @ Triq Gorg Fiteni | €233.00 | 14089 | 40571 |
| 0000 | 20/01/2011 | 51 | Clint Muscat | Tower Ladder Services | €430.00 | | |
| CDA | 18/01/2011 | 2511 | COA Ink & Toner Recharging Ltd | Toners for Office Printers | €186.09 | | |
| CDA | 07/02/2011 | 2592 | COA Ink & Toner Recharging Ltd | Toner for Office Printers | €97.85 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Council Staff | Salary - November 2010 | €7,414.16 | | |

A

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0000 | n/a | n/a | Council Staff | Salary - December 2010 | €12,049.26 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Council Staff | Salary - January 2011 | €11,287.62 | | |
| 0000 | 13/01/2011 | 1576 | Data Protection Commissioner | Data Protection Act - Annual Fee | €23.29 | | |
| 0000 | n/a | n/a | David Tonna | Refund for Deposit @ Alley 6, Misrah ir-Rebha | €116.50 | 14087 | 40571 |
| 0000 | 15/01/2011 | 1156671 | Dilettanti tan-Nar Naxxar | Rental of 16 Poles - Xmas Village | €600.00 | | |
| 0000 | n/a | n/a | DOI | Advert re Tender Resurfacing @ BIC 14/1/11 | €9.32 | 13992 | 40556 |
| DOI | 31/12/2010 | 72471 | DOI | Advert on the Malta Independent - Locality Meeting | €46.26 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Dorianne De Valencia | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14115 | 40576 |
| 0000 | n/a | n/a | Doris Xuereb | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14120 | 40576 |
| ECOPURE | 27/01/2011 | 45010 | Eco Pure | Drinking Water Supply | €425.00 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Emanuel Gauci | Refund for Deposit @ Triq in-Nissieg | €233.00 | 14135 | 40589 |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 28 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Nov 2009 (227 trips @ 3.73/trip) | €846.71 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 29 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Dec 2009 (180 trips @ 3.73/trip) | €671.40 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 30 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Jan 2010 (190 trips @ 3.73/trip) | €708.70 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 31 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Feb 2010 (202 trips @ 3.73/trip) | €753.46 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 32 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Mar 2010 (206 trips @ 3.73/trip) | €768.38 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 33 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Apr 2010 (284 trips @ 3.73/trip) | €1,059.32 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 34 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - May 2010 (214 trips @ 3.73/trip) | €798.22 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 35 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Jun 2010 (246 trips @ 3.73/trip) | €917.58 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 36 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Jul 2010 (338 trips @ 3.73/trip) | €1,260.74 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 37 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Aug 2010 (224 trips @ 3.73/trip) | €835.52 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 38 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Sep 2010 (296 trips @ 3.73/trip) | €1,104.08 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 39 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Oct 2010 (228 trips @ 3.73/trip) | €850.44 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 40 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Nov 2010 (218 trips @ 3.73/trip) | €813.14 | | |
| EUROCLEA | 28/01/2011 | 41 | Euro Clean | Bulk Refuse Collection - Dec 2010 (174 trips @ 3.73/trip) | €649.02 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Filippa Cortis | Refund for Deposit @ Triq il-Qoton | €233.00 | 14133 | 40589 |
| GROUP4 | 31/01/2011 | 1924 | G4S Security Services | CIT Services - Jan 2011 | €159.81 | | |
| GALEA | 31/01/2011 | 2392 | Galea Curmi Engineering Consultants | Contract Manager Fee - Jan 2011 | €272.54 | | |
| GALEA | 01/02/2011 | 2398 | Galea Curmi Engineering Consultants | Supervision & Certification of PV System (Energy Saving Scheme) | €196.82 | | |
| GEORGINA | 31/01/2011 | n/a | Georgina Grima | Nursing Services - Jan 2011 | €600.95 | | |
| 0000 | 17/01/2011 | n/a | Giov Muscat Co. Ltd. | Desk Mat & Coasters | €45.15 | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| MALTACOM | | 24941896 | GO plc | Telephony Services - Dec 2011 | €188.10 | 14081 | 40569 |
| MALTACOM | | 24941903 | GO plc | Telephony Services - Dec 2011 | €275.83 | 14082 | 40569 |
| MALTACOM | | 24941897 | GO plc | Telephony Services - Dec 2011 | €20.10 | 14083 | 40569 |
| MALTACOM | 10/02/2011 | 25119960 | GO plc | Telephony Service - Feb 2011 | €196.80 | | |
| MALTACOM | 10/02/2011 | 25119961 | GO plc | Telephony Service - Feb 2011 | €20.24 | | |
| MALTACOM | 10/02/2011 | 25119967 | GO plc | Telephony Service - Feb 2011 | €295.76 | | |
| GRACECAM | 15/02/2011 | n/a | Grace Camilleri | Librarian Services - Jan 2011 | €167.01 | | |
| GWARDEN | 31/01/2011 | 3046 | Guard & Warden Service House | Traffic Management in triq il-Parrocca | €15.84 | | |
| HIGHTE | 28/01/2011 | 1683 | Hightech Office Repairs | Photocopier Service | €119.00 | | |
| 0000 | 19/01/2011 | 059-028290 | HSBC | Bank Report for Audit Purposes | €17.50 | | |
| IMPRESS | 15/02/2011 | 31169 | Impressions Ltd | A3 Carnival Poster | €52.51 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Josephine Vella | Refund for Deposit @ Triq Franza | €116.50 | 14088 | 40571 |
| 0000 | n/a | n/a | Joyce Borg | Refund for General Fitness Course | €10.00 | 14092 | 40575 |
| ATTJURGE | n/a | n/a | Jurgen Attard | Handyman Service - Dec 2010 | €1,418.40 | 14079 | 40568 |
| ATTJURGE | n/a | n/a | Jurgen Attard | Handyman Service - Jan 2011 | €1,370.93 | 14124 | 40577 |
| ATTJURGE | 30/01/2011 | 1156670 | Jurgen Attard | Football Ground Guardian - Jan 2011 | €144.30 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Krista Sammut | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14098 | 40576 |
| PARAMOUN | 05/02/2011 | 23284 | Leo's Garage Paramount | Transport Services - Jan 2011 | €145.32 | | |
| PARAMOUN | 15/01/2011 | 23248 | Leo's Garage Paramount | Transport Services - Jan 2011 | €74.52 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Lily Muscat | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14117 | 40576 |
| ASSKL | n/a | n/a | Local Councils Assoc. | Payment to Performing Right Society | €18.00 | 14141 | 40592 |
| 0000 | n/a | n/a | Louis Galea | Refund for Deposit @ Triq il-Barrada | €233.00 | 14134 | 40589 |
| 0000 | n/a | n/a | Lucienne Calleja | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14112 | 40576 |
| 0000 | n/a | n/a | Margaret Cilia | Refund for General Fitness Course | €10.00 | 14091 | 40571 |
| 0000 | n/a | n/a | Mariella Cassar | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14104 | 40576 |
| 0000 | n/a | n/a | Mario Micallef | Refund for Deposit @ Triq l-Oratorju | €233.00 | 14132 | 40589 |
| 0000 | n/a | n/a | Marisa Borg Muscat | Refund for General Fitness Course | €10.00 | 14090 | 40571 |
| 0000 | n/a | n/a | Marisa Borg Muscat | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14100 | 40576 |
| MEDIAL | 31/12/2010 | 44942 | Media Link Communications Co. Ltd | Advert on Radio - Xmas Village | €531.00 | | |
| MEDIAL | 31/12/2010 | 44870 | Media Link Communications Co. Ltd | Advert on in-Nazzjon - Xmas Village | €142.31 | | |
| MELITA | 01/02/2011 | 30007213 | Melita plc | Hello Service & Usage - Jan 2011 | €22.27 | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| MELITA | 01/02/2011 | 30007771 | Melita plc | TV Service - Feb 2011 | €17.92 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Miriam Farrugia | Refund for General Fitness Course | €10.00 | 14095 | 40575 |
| MITA | 31/01/2011 | 24386 | MITA | Email Accounts - Oct - Dec 2010 | €54.78 | | |
| 0000 | 25/01/2011 | n/a | Naxxar Scout Group | Reinbursement of Damages during l-Istorja Tmexxi s-Sengha | €313.00 | | |
| NORTHERN | 31/12/2010 | 12 | Northern Cleaning Group Ltd | Refuse Collection - December 2010 | €6,786.33 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Odette Busuttil | Refund for General Fitness Course | €10.00 | 14094 | 40575 |
| 0000 | n/a | n/a | Permanent Secretary OPM (ITSD) | Advert on TMI re Tender Resurfacing @ BIC | €37.50 | 13993 | 40561 |
| PRINTIT | 12/01/2011 | 5517 | PrintIT | Printing of Sports Flyer | €294.00 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Racine Camilleri | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14099 | 40576 |
| 0000 | n/a | n/a | Ray Caruana | Refund for Deposit @ Triq Sir H Luke | €233.00 | 14138 | 40591 |
| RSPHOTOG | 30/12/2010 | 55 | Reuben Seychell | Photography Services - AHC Exhibition 2010 | €70.00 | | |
| RSPHOTOG | 30/12/2010 | 56 | Reuben Seychell | Photography Services - Xmas Village 2010 | €118.00 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Reuben Xuereb | Refund for Deposit @ Triq it-Targa | €233.00 | 14085 | 40571 |
| RICKCAR | 31/01/2011 | n/a | Ricky Caruana | Cleaning & Attendance of Public Conveniences - Jan 2011 | €329.04 | | |
| RICKCAR | 31/01/2011 | n/a | Ricky Caruana | Cleaning of Civic Centre Premises - Jan 2011 | €214.50 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Rita Muscat | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14119 | 40576 |
| 0000 | n/a | n/a | Ritienne Gauci | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14101 | 40576 |
| 0000 | n/a | n/a | Ruth Zarb | Refund for Harga Ambjentali (10-02-2011) | €20.00 | 14129 | 40583 |
| 0000 | n/a | n/a | Salvu Pirotta | Refund for Deposit @ Triq it-Tuffieh | €233.00 | 14086 | 40571 |
| SCANCOMP | 21/02/2011 | 2419709 | Scan Computers | Network Switch | €39.95 | | |
| 0000 | 31/12/2010 | 36720 | Security Service Malta Ltd. | Security Services - Xmas Village | €377.72 | | |
| SMART | 22/02/2011 | 240326168 | Smart Supermarket | Items for Conferences | €129.20 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Sonia Muscat | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14118 | 40576 |
| 0000 | 31/12/2010 | 13254 | Sound Vision Print Ltd. | Advert on Maltastar - Xmas Village | €206.50 | | |
| 0000 | 20/01/2011 | 9 | St. John Ambulance | First Aid Course - Jan / Feb 2011 | €420.00 | | |
| STANDARD | 31/12/2010 | 72471 | Standard Publications Ltd. | Advert on TMI - Locality Meeting | €46.26 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Tania Bonavia | Refund for Deposit @ Triq Hal Dghejf | €93.18 | 14084 | 40570 |
| 0000 | n/a | n/a | Theresa Bartolo | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14109 | 40576 |
| 0000 | n/a | n/a | Therese Muscat | Refund for General Fitness Course | €10.00 | 14097 | 40575 |
| 0000 | n/a | n/a | Tiziana Camilleri | Refund for Sports Courses | €10.00 | 14113 | 40576 |
| TRANSMEC | 17/02/2011 | 17616 | Transmec Services Ltd | Galvanized Sheet used for gnien il-Hamrija | €17.70 | | |
| 0000 | 29/12/2010 | 9 | Victor Bartolo | Servicing of Generator | €50.00 | | |
| MULA | n/a | n/a | Victor Mula | Handyman Service - Dec 2010 | €1,665.90 | 14080 | 40568 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| MULA | n/a | n/a | Victor Mula | Handyman Service - Jan 2011 | €1,230.90 | 14125 | 40577 |
| VODAFONE | 01/01/2011 | 2237701012011 | Vodafone Malta Ltd | Telephony Services - December 2010 | €106.84 | | |
| VODAFONE | 01/02/2011 | 2278435022011 | Vodafone Malta Ltd | Telephony Services - January 2010 | €80.90 | | |
| WASTESER | 11/02/2011 | 5668 | WasteServ Malta Ltd. | MSW Waste - December 2010 | €4,757.34 | | |
| WASTESER | 11/02/2011 | 6052 | WasteServ Malta Ltd. | Ghallis Engineered Landfill (Vehicle JAM023) | €8.50 | | |
| WASTESER | 19/01/2011 | 5119 | WasteServ Malta Ltd. | Ghallis Engineered Landfill (Vehicle JAM023) | €6.14 | | |
| 0000 | n/a | n/a | William Bickle | To Replace Chq 12833 - Refund for Deposit @ Triq il-Milizzja | €116.47 | 14128 | 40583 |
| _ | _ | _ | **TOTAL** | _ | **€106,183.47** | _ | _ |

| **Dħul tal-Kunsill - Jannar 2011** | |
|---|---|
| Course Fees (Aerobics, General Fitness, Pilates, Line Dancing, etc.) | €706.00 |
| Cultural Activities | €150.00 |
| Hire of Football Ground | €84.00 |
| Skip Permits | €400.50 |
| Crane Permits | €421.70 |
| Kiosk Permit | €0.00 |
| Outside Activity Permits | €14.00 |
| Deposit of Material, Scaffolding etc. | €62.91 |
| Hire of Hall | €209.62 |
| Permit for Placing Tables & Chairs | €0.00 |
| Payments for Damages | €0.00 |
| Documents/Information Charges (Tender Documents, etc) | €350.00 |
| Advertising | €326.59 |
| Trenching Permits | €30.29 |
| Contractor's Guarantees (Refundable) | €1,281.50 |
| Nursing Services | €0.00 |
| Others (Parking Clocks, Naxxar Booklet, etc) | €73.13 |
| **TOTAL** | **€4,110.24** |

**Lista ta' Purchase Orders - Jannar 2011 - Laqgħa Nru. 28**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 04/01/2011 | 3497 | Charles Sant | Hire of skip - to clean garage at Triq ta' Mezzi | 50 |
| 06/01/2011 | 3498 | Giovanni Muscat & Co. Ltd | Desk mat and coasters | 42.09 |
| 06/01/2011 | 3499 | B. Grima + Sons | Street name signs | 259.36 |
| 07/01/2011 | 3500 | Archway Ironmongery | Neon tubes | 5.1 |
| 07/01/2011 | 3501 | Mario Mallia | Road marking paint + thinner | 957.08 |
| 12/01/2011 | 3502 | DOI | Advert - T1/11 - Resurfacing at BIC | 9.32 |
| 12/01/2011 | 3503 | DLG | Advert - T1/11 - Resurfacing at BIC | 37.5 |
| 12/01/2011 | 3504 | Cimaco Group Ltd. | Toiletries | 135.26 |
| 12/01/2011 | 3505 | Mario Mallia | Road Mirrors (Part of BIC) | 225.72 |
| 14/01/2011 | 3506 | Antoine Fenech Florist | Flowers for Funeral - Marie Xuereb 15/1/2011 | 25 |
| 18/01/2011 | 3507 | COA Ink & Toner Ltd. | Toners for Printers | 186.08 |
| 19/01/2011 | 3508 | Central Asphalt Ltd. | Coated Stones | 4643.5 |
| **n/a** | 3509 | **CANCELLED** | **n/a** | **n/a** |
| 24/01/2011 | 3510 | Paramount Garage | Transport for cultural tour 26/1/11 | 60 |
| 25/01/2011 | 3511 | C.S.D. Office Trade | Blotting paper, A4 brown envelopes | 39.65 |
| 05/01/2011 | 3512 | C.S.D. Office Trade | Finer liner black & blue DOBELL DB710 | 6.94 |
| 05/01/2011 | 3513 | C.S.D. Office Trade | a4 p/copy paper 80gsm white, petty cash voucher, etc | 201.07 |
| 28/01/2011 | 3514 | Salina Skips | Service of skip | 82.6 |
| 31/01/2011 | 3515 | Archway Ironmongery | Marine plywood | 120 |

**Total:** **7086.27**